MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 1210/2010

Il-Pulizija

Spettur Ian Joseph Abdilla

vs

George Farrugia Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 261265m akkuzat talli fit-13 ta' Novembru 2010 u fil-granet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

- ircieva minghand xi hadd iehor jew kiseb minghand xi hadd iehor xi weghda li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi;
- fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa

subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- sar recediv ghat-termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, b'sentenza moghtija min dawn il-Qrati diversament preseduta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuza principali, hija l-ewwel wahda, li tippotizza r-reat ta' uzura sancit fl-Artikolu 298C tal-Kap 9. L-akkuza hija msejjsa fuq l-ewwel sub-inciz tieghu u tipprospetta r-reat fuq "kull min jircievi minghand xi hadd iehor jew jikseb minghand xi hadd iehor xi wedgha li jinghataw, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self , mghaxxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess min dak permess bil-ligi".

L-akkuzi l-ohra huma dipendenti u jistriehu fuq l-ezitu ta'din l-akkuza.

Trattata din l-akkuza, l-provi dwarha jikkonsistu principalment, fix-xhieda tal-presunta vittma tal-uzura (il-kwerelant). Din il-Qorti pero, minghajr ebda tentenament tistqarr, li x-xhieda tieghu mhux kredibbli u assolutament mhux qeghda ittiha ebda piz.

Dan xehed, li l-imputat sar jafu fis-sena 1996 cirka u kien issellef min ghandu is-somma ta'tlett elef u hames mitt lira Maltin (LM 3,500). Kien ghamel xi zmien il-habs u jistqarr li hawnhekk kien fadallu ihallas bilanc ta'LM 1,500. Imbaghad spjega li meta kien skonta l-piena u kien hareg mill-habs kompla fil-hlas lill-imputat b'ammonti ta'LM 100 fil-gimgha li meta giet adottata l-ewro saru € 300. Jghid li l-pagamenti kien jaghmilhom mill-introjtu li kien jaqla minn negozju tieghu ta'grocer. Spjega li meta issellef l-flus il ftehim kien li l imghaxx fuqhom kien ser ikun ta' 50% fuq is-somma originarjament mislufa, cjoe' it-tlett elef u hames mitt lira Maltin. Stqarr li l-pagament baqa'jaghmlu qisu sal-ahhar ta'Ottubru 2010. Imbaghad , flimkien ma'martu, mar il-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk ghamel ir-rapport. Semma wkoll li fl-2010, l-hanut kellu jghalqu u kien dahal jahdem ta'xufier b'paga ta'€ 1,000 fix-xahar u min hawnhekk il-pagamenti beda jaghmilhom kemm mill-paga u kemm minn kont bankarju li kellu flimkien ma martu li dak iz-zmien kienet impjegata mal-Bank HSBC. Martu fil-fatt xehdet, izda mix-xhieda taghha ma johrog xejn utili, hlief li ikkonfermat li mill-flus depozitati fuq iz-zewg kontijiet taghha zewgha kien jigbed il-flus anke permess ta' "credit card".

Apparti min hekk xehed ukoll certu Anthony Bonnici ghas-socjeta Go plc li mix-xhieda tieghu jirrizulta biss in-numru tat-telefon cellulari tal-imputat u telefonati li saru minnu mis-27 ta'Ottubru 2010 sat-13 ta'Novembru 2010.

L-imputat xehed u cahad l-allegazzjoni tal-uzura. Jghid li lill-kwerelant kien veru selfu flus. Tah l-ammont ta' tnax il-elf lira Maltin li minnhom l-kwerelant tah xi pagamenti zghar li prova taghhom

esebixxa notamenti li l-Qorti kienet ammettiet li jigu esebiti bhala fotokopja wara li kienet qablithom mal-original.

Ikkonsiderat:

Li fuq din ix-xhieda din il-Qorti ghamlet l-evalwazzjoni u l-apprezzamernt taghha. Semghat kemm lill-kwerelant u kemm lill-imputat jixhdu u setghat ghalhekk tapprezza l-komportament taghhom, fuq il-pedana tax-xhieda . Hadet wkoll qies tax-xhieda tal-Ispettur Prosekutur u l-fatt li l-imputat kien ghazel li ma jirrispondix ghad-domandi li kienu tpoggewlu waqt l-interrogatorju tieghu. Dak pero’li ghal din il-Qorti kien u jibqa’ta’ importanza krucjali hu li l-allegazzjonijiet tal-kwerelant baqaw biss allegazzjonijiet imkien sostanzjati b’xi rendikonti tal-kontijiet bankarji ta’martu minn fejn hu sostna kien jiehu ammonti ta’flus biex seta jaghmel il-pagamenti li sostna li kien jaghmel u li ma jirrizultawx hlief f’xi ammonti relattivament zghar.

Principalment minhabba f’hekk u l-fatt li “in criminalibus” hija l-parti akkuzatrici li ghanda tipprova – ‘Per legem’ hi obbligata li ggib l-ahjar prova - u hu bizzejjed ghad-difiza li tipprova sal-grad tal-probabbli, din il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkustanzi anke mill-andament tal-kawza l-imputazzjonijiet ma gewx pruvati. Kif gja accennat fil-bidu tas-sentenza n-nuqqas li tigi pruvata l-ewwel akkuza igib fix-xejn l-akkuzi l-ohra.

Inghad dan ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------